## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

### RIK NRU 95/2020: **KEVIN SCIBERRAS (KI. 353770M)V. ANDREW A. AGIUS (KI.63786M) U PATRICK GUNTRIP (KI. 278475M)**

(TRASFERIMENT TA' AZJENDA KUMMERĊJALI – AVVJAMENT – L-ELEMENTI TAL-EXCEPTIO INADIMPLETI CONTRACTUS U L-PRINĊIPJU TA' INADIMPLENTI NON EST ADIMPLENDUM – BEJGĦ TA' OĠĠETTI SECOND HAND)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**5 ta' Diċembru 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Kevin Sciberras (imsejjaħ "ir-rikorrent") ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2020[1] li permezz tiegħu talab lil Andrew A. Agius u lil Patrick Guntrip (flimkien imsejjħa "l-intimati") jgħidu 'l għaliex m'għandhom jiġu kkundannati mill-Qorti:

li tħallsuh s-somma ta' sebat elef, tliet mija u ħamsin euro (€7,350), liema somma li hija ċerta, likwida u dovuta tirrapprezenta bilanċ minn somma akbar għal servizzi u xiri ta' prodotti mingħandu, kif ukoll l-avvjament ta' stabbiliment u/jew negozju, debitament konsenjati u/jew trasferiti lill-konvenuti mill-attur.

Bl-ispejjez komprizi dawk prezenti u tat-taxxi fuq id-drittijiet professjonali u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament

[1] Fol 1

wara rat ir-risposta tal-intimati ppreżentata fit-28 t' Awwissu 2020 li permezz tagħha wieġbu kif ġej:

1. Illi t-talba attriċi hi manifestament infondata kemm fil-fatt u kemm fid-dritt billi l-kreditu pretiż mhux dovut stante li l-attur naqas milli jagħmel u jitrasferixxi dak li wiegħed lill-intimati inkambju għal tali konsiderazzjoni, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri, u għalhekk għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kollha kontra l-attur li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni.

2. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attur naqas milli jeżegwixxi l-obbligazzjonijiet tiegħu versu l-intimati bil-mod mifthiem, u għalhekk il-prinċipju *inademplendi non est adempiendum* għandu jsib applikazzjoni fil-kuntest de quo.

3. Illi, wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attur għandu jġib l-aħjar prova skond il-liġi tal-kreditu pretiż minnu, u kif ukoll tal-fatt li hu wettaq dak kollu li ntrabat li jagħmel sabiex jippretendi tali ħlas, in-nuqqas ta' liema għandu jsarraf fil-ħelsien tal-intimati u dan bi qbil mal-prinċipju li *actore non probante reus absolvitur*.

4. Illi l-intimati jirriżervaw id-dritt tagħhom għal kwalunkwe azzjoni ulterjuri kontra l-attur permissibbli lilhom mil-liġi.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

wara li semgħet ix-xhieda prodotti u qrat l-affidavits imressqa,

wara li rat l-atti l-oħra proċesswali,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula:

- għan-nom tar-rikorrent mill-Avukat Dr. Beryl Jean Buttigieg, u
- għan-nom tal-intimati mill-Avukat Dr. Naomi Schembri

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-kawża fis-suċċint hija dwar is-segwenti: ir-rikorrenti li għal tnax-il sena kien jiġġestixxi n-negozju ta' *snack bar* ġewwa l-ħanut bl-isem ta' "D Basement Cafe", liema ħanut kien jikri mingħand terzi, biegħ in-negozju inkluż l-avvjament u l-apparat ta' ġol-ħanut lill-intimati għall-prezz ta' erbatax-il elf u ħames mitt euro (€14,500). Mill-prezz miftiehem, tħallset is-somma ta' €7,150 iżda l-aħħar pagament (permezz ta' żewġ ċekkijiet) ta' € 7,350 ma' ġiex onorat. L-intimati jgħidu li l-bilanċ m'huwiex dovut għaliex ir-rikorrent m'eżegwix l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tiegħu billi l-post ingħata lilhom żdingat u b'apparat li kellu l-ħsara. Ir-rikorrent jisħaq pero illi dan ma' kienx il-każ u li l-partijiet ftehmu illi s-somma

kienet tirrappreżenta fil-maġġor parti l-avvjament flimkien mal-oġġetti kollha li kellu l-ħanut *tale quale* u li għalhekk is-somma kollha kienet dovuta.

**Provi**

2. Fis-7 ta' Diċembru 2020 xehed ir-rikorrent **Kevin Sciberras**[2] li spjega li huwa kien ilu jopera l-ħanut "D Basement" ġewwa ż-Żona Industrijali tal-Imrieħel għal iktar minn tnax-il sena u li hu kien jikrih mingħand Mark Gasan. Wasal żmien li ried ibiegħ in-negozju. Huwa inizjalment ried is-somma ta' €20,000 *"ghal dak kollox li kien hemm fiha ghall- good will u l- klijentela b' kollox"*. Qal li fil-ħanut huwa investa ħajtu u għalhekk ried prezz tajjeb. Eventwalment wasal fi ftehim mal-intimat Andrew Agius li kellu l-ħsieb jiġġestixxi n-negozju flimkien mal-*partner* tiegħu, l-intimat l-ieħor, Patrick Guntrip. Huma ftehmu fuq il-prezz ta' €14,500, li minnhom tħallset is-somma ta' €2,500 bħala depożitu fis-27 ta' Mejju 2019 (sabiex fi kliem ir-rikorrent, ma' jintrabat ma' ħadd aktar għa;l-bejgħ tan-negozju) u s-somma ta' €4,650 li tħallset fid-9 ta' Lulju 2019 meta dakinhar r-rikorrent għadda ċ-ċavetta tal-ħanut lill-intimati.[3] Dakinhar ukoll l-intimat Guntrip għadda żewġ ċekkijiet lir-rikorrenti, wieħed maħruġ minnu u l-ieħor minn Andrew Agius, bid-data tal-31 ta' Diċembru 2019, għall-ammont ta' €3,675 il-wieħed.

   Skond ir-rikorrent huwa ħadem l-aħħar fil-ħanut fl-4 ta' Lulju 2019. Il-kirja kienet ser tagħlaq fl-aħħar ta' Awwissu 2019. Flimkien ma' martu huwa kien ressaq lill-intimati quddiem is-sid li min-naħa tagħhom laħqu ftehim ġdida ta' kirja mal-istess sid, liema kirja kellha tibda fl-1 ta' Settembru 2019. L-intimati kienu urew l-intenzjoni tagħhom illi jagħmlu *refurbishment* fil-ħanut. Ir-rikorrent ikkomunika mal-intimat Agius li huma setgħu jidħlu minn qabel, u ċioe mid-9 ta' Lulju 2019. Fix-xhieda tiegħu r-rikorrent jgħid illi huwa seta' għad sal-aħħar tal-kirja sabiex jagħmel it-tindif u dak li kien hemm bżonn, iżda huwa għażel li jitlaq qabel u jgħaddi ċ-ċwievet lill-intimati bil-*buona volonta'* tiegħu.

   Ir-rikorrenti insista fix-xhieda tiegħu illi huwa kien biegħ l-apparat kollu li kellu fil-ħanut flimkien man-negozju inkluż l-isem tal-ħanut u l-klijentela.

   Fl-14 ta' Awwissu 2019 l-intimat Agius kien ikkommunika miegħu biex jgħidlu li l-grilja ma' kienetx qed taħdem u li xtaq l-għajnuna tiegħu. F'Ottubru 2019 kien sar

[2] Fol 14-28
[3] Fol 27

kuntatt mal-intimat Agius ukoll sabiex l-intimati jħallsu għat-tiġdid tal-liċenzja annwali maħruġa mill-MTA. Din filfatt tħallset. Sal-aħħar tas-sena r-rikorrent jgħid li l-intimati qatt ma' infurmawh li kienu sabu xi ħaġa ħażina fil-ħanut.

Meta pero' wasal l-aħħar tas-sena, l-intimat Agius infurmah sabiex ma' jsarrafx iċ-ċekkijiet iżda jistennih itih wieħed mill-*business account* tal-intimati. Għalhekk r-rikorrent ftiehem miegħu illi jiġbor iċ-ċekk (għall-ammont ta' €7,350) wara l-festi. Bejn l-10 u l-14 ta' Jannar 2020 l-intimat Agius għarrfu li seta' jmur jiġbor ċ-ċekk mingħand l-intimat Guntrip. Dan pero qallu li ma' jżommx iċ-*checkbook* fuqu. Imbagħad sar konfront ftit jaħraq fir-*restaurant* fejn kien jaħdem l-intimat Agius peress li ma' kienx sar il-ħlas. Evenwalment kellha tinfetaħ il-kawża.

Ir-rikorrent ippreżenta ukoll diversi messaġġi li għaddew bejnu u bejn l-intimat Agius tramite l-WhatsApp. [4]

3. In kontroeżami fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2021 ikkonferma illi l-ammont mitlub jirrappreżenta l-avvjament tal-ħanut bl-affarijiet kollha li kien hemm ġo fih inkluż il-klijentela. Il-klijenti kienu vasti u kienu jinkludu kemm il-ħaddiema tal-lokal u kemm in-nies li jiġu minn barra. Ikkonferma ukoll illi huwa ħalla l-post maħmuġ iżda tenna li kollox kien jaħdem. Spjega ukoll illi huwa ħalla l-post ċirka xahrejn qabel ma' kellu għalfejn jagħmel hekk u peress li kien jaf li l-intimati riedu jagħmlu refurbishment (u mhux joperaw il-ħanut mill-ewwel) allura kien ser ikollhom ċans biżżejjed li jagħmlu dan. Qal ukoll illi meta rċieva ċ-ċekk mingħand l-intimat Agius għall-ħlas tat-tiġdid tal-liċenzja tal-MTA huwa ħalla mal-impjegat ta' Agius pakkett karti bil-firem ta' martu u kopja tal-karta tal-identita' tagħha sabiex l-intimati ikunu jistgħu japplikaw għat-trasferiment tal-liċenzja fuqhom. Il-liċenzja baqgħet ma' daritx fuq l-intimati u eventwalment, fiż-żmien li kien qed jixhed, din ġiet tgħajjat lis-sid Mark Gasan.

Mistoqsi jekk bejn id-data li għadda ċ-ċavetta lill-intimati (Lulju 2019) u d-data ta' meta kellhom jissarrfu l-aħħar żewġ ċekkijiet qattx kien irċieva ilment mill-intimati dwar l-istat tal-ħanut u tal-apparat, huwa qal illi kien darba biss, ċioe f'Awwissu 2019, illi rċieva ilment li l-grilja ma' kienetx qed taħdem.

---

[4] Dok KS1 u KS2 a fol 22-26

Kien fil-bidu ta' Jannar 2020 meta ltaqgħu ġewwa l-ħanut tar-rikorrent f'Marsaskala illi l-intimati qalulu li kien hemm l-appliances li ma' kienux qed jaħdmu. Dakinhar huwa qallhom illi kieku dan kien minnu, setgħu faċilment qalulu qabel u mhux seba' xhur wara.

4. Fil-11 ta' Jannar 2021 xehdet **Charlene Sciberras**, il-mara tar-rikorrent, li qalet illi l-ħanut kienet mikri lilha u li l-liċenzja tal-MTA filfatt kienet tgħajjat lilha ukoll[5]. Ikkonfermat ukoll illi l-intimati ħallsu għat-tiġdid tal-liċenzja ftit tard. Minn Dok KS07 a fol 44 tal-proċess jirriżulta illi ċ-ċekk mogħti mill-intimat Sciberras għall-ammont ta' €343.58 huwa datat 13 ta' Ottubru 2019, filwaqt li minn Dok KS05 u Dok KS06 esebiti a fol 41 u 42 jidher illi ċ-ċekk ġie kreditat fil-kont tiegħu fit-13 ta' Novembru 2019 u r-rikorrent ħallas lill-MTA b'ċekk datat 14 ta' Jannar 2020 li ġie proċessat mill-bank fl-1 ta' Frar 2020. Fis-sena 2020 wara li feġġ l-inkwiet mal-intimati, ix-xhud itterminat il-liċenzja peress li ma' xtaqietx li din tibqa' reġistrata f'isimha.

In kontroeżami fl-istess seduta, mitluba tgħid x'kienet tirrappreżenta s-somma mitluba ta' €14,500 hija wieġbet hekk:

> "Charlene Sciberras: ... Aħna kien hemm qbil ta' li raw dak inhar, meta aħna ġew jaraw il-ħanut u raw kollox aħna għamilna talba, huma aċċettaw it-total kollu kif inhu, aċċettaw ukoll illi nofs dan is-sebat elef u li ghad fadal ituna jithallas fl- ahhar tas- sena. Infatti hargulna c-cekkijiet u kien hemm l-qbil lest. U ma kien hemm l- ebda lista ta' affarijiet. Qatt ma talbuna tal-lista tal-affarijiet u tal-prodotti u tas-servizzi. Huma ta' li raw ghidnilhom ahna li qed taraw ha tiehdu kollox kif inhu...
> Avukat 2: Iva. Imma ta' xiex kien it- total ma tafx ezatt.
>
> Charlene Sciberras: Ta' li kienu qeghdin jaraw. Tal- hanut u ta' l- apparat li hallejnilhom. Jigifieri huma hadu l- affarijiet talekwali, kif qeghdin jarawhom.
>
> Qorti: U tal- business concern
>
> Charlene Sciberras: U tal- business u zgur."

[5] Dok CS1 a fol 36

Ikkonfermat li qatt ma' sar elenku tal-affarijiet ta' ġewwa l-ħanut u li l-intimat qatt ma' staqsew biex jarawhom.

5. In kontroeżami fis-seduta tal-31 ta' Lulju 2022 ix-xhud qalet li għalkemm qatt ma' kienet preżenti waqt in-negozjati bejn żewġha r-rikorrent u l-intimati qabel il-bejgħ tan-negozju, hija kienet preżenti għall-laqgħa mqanqla li kienet saret f'Jannar 2020 fil-ħanut tar-rikorrent ġewwa Marsaskala meta l-intimati riedu jiddiskutu l-ħlas tal-bilanċ. Ikkonfermat illi sakemm telaq mill-ħanut l-*appliances* kienu għadhom qed jintużaw u kienu jaħdmu. Ikkonfermat ukoll illi r-ritratti esebiti fil-proċess mill-intimati tal-istess *appliances* kienu verament juru l-istess *appliances.*

6. Permezz tal-affidavit ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2021[6] l-intimat **Andrew A. Agius** xehed illi huwa kien ilu jaf lir-rikorrent mill-2010 meta bħala impjegat kien ibiegħlu x-xogħol għall-i*snack bar* in kwistjoni. Eventwalment hu u l-intimat l-ieħor kienu ddeċidew li jsibu *snack bar* biex jikru u joperaw flimkien u meta telalu reklam fuq *facebook* dwar id-disponibbiltà tal-post tar-rikorrent, mill-ewwel interessaw ruħhom. Skond Agius ltaqgħu huma t-tnejn flimkien mar-rikorrent u ftehmu li jħallsuh somma għall-avvjament u somma għall-apparat u għodda li kien ser iħalli warah ir-rikorrent – b'kollox €14,500. L-intendiment kien li jidħlu sabiex jibdew joperaw l-i*snack bar* mill-ewwel. Ġie miftiehem ukoll illi ser jibdew joperaw l-i*snack bar* mill-1 ta' Settembru 2019. L-intimati daħlu fi ftehim ukoll ma' Mark Gasan sabiex jibdew jikru l-ħanut mingħandu minn dik id-data għal perjodu ta' għaxar snin. Ikkonferma dak li qal ir-rikorrent u ċioe illi l-intimati ħallsu s-somma ta' €2,500 bħala depożitu f'Mejju 2019 u s-somma ta' €4,650 fid-9 ta' Lulju 2019 meta dakinhar ir-rikorrent għaddielhom iċ-ċavetta.

Skond Agius dakinhar ukoll huma tawh żewġ *post dated cheques* (datati fl-aħħar tas-sena 2019) ta' €3,675 il-wieħed għall-**apparat** li kien ħalla warajh.

Agius jgħid li meta l-għada daħlu fil-ħanut flimkien ma' martu Michelle Agius sabu ħerba u ħafna ħmieġ tant illi wara ġimgħa jippruvaw inaddfu kellhom iqabbdu lil terzi sabiex ikomplu inaddfu l-post. Inoltre meta pruvaw jħaddmu l-apparat sabu li **xejn** ma' kien jaħdem sew u li bħala tazzi u platti kull ma' ħallielhom ir-rikorrent kien erba' tazzi tar-riklam, platti mċaqqmin u tużżana pożati kollha sadid li spiċċaw

[6] Fol 47 sa 76

mormiha għaliex ma' kienux tajbin għal preżentazzjoni. Bħala *appliances* huwa qal illi l-*grill*, il-*hood* u l-*microwave* ma' kienux jaħdmu, il-*cold counter* ma' kienx ikessaħ, il-*fryer* kien mimli żejt antik u said, it-*toaster* kienet mimlija żejt u biċċiet tal-ikel antik u l-*fridges u freezers* kienu fi stat ħażin ħafna. L-intimat esebixxa ritratti li juru dak li spjega a fol 50 sa 60. Skond Agius dan wassal sabiex l-intimati kellhom jissospendu l-ftuħ tal-ħanut sabie inaddfuh sew u jattrezzawh mill-ġdid u eventwalment huma fetħuh disa' ġranet tard.

L-intimat jgħid ukoll illi ma' sabux avvjament tajjeb, apparti l-ħmieġ u l-apparat difettuż li sabu ma' wiċċhom. Qal ukoll illi meta ċempel lir-rikorrent biex jgħidlu dwar dan huwa qallu illi kien missu iċċekka l-affarijiet sew qabel ma' ħa ċ-ċavetta. Għalhekk ikkonkluda illi r-rikorrent kien daħak bihom u li kien jaf eżattament x'kien qed itihom. Inoltre spjega illi kull meta hu jew l-intimat l-ieħor kien imorru jiltaqgħu mar-rikorrent ġewwa l-ħanut biex jarawh, dan ma' kienx iħallihom jidħlu fil-kċina u qatt ma' tahom aċċess sħiħ sabiex jispezzjonaw il-post. Minflok, kien qallhom illi kollox kien jaħdem sew u kif suppost u għalhekk huma qagħdu fuq il-kelma tiegħu.

Kien għalhekk illi huma xtaqu jaslu f'kompromess mar-rikorrent u marru jiltaqgħu miegħu ġewwa Marsaskala. Skond Agius, ir-rikorrent ammetta li ħafna mill-apparat li ħalla warajh kienu ilhom ma' jintużaw u ma' kienx jaf jekk jaħdmux sew. Imbagħad intervjeniet il-mara tar-rikorrent li sostniet illi hija trid il-bilanċ sħiħ li kien baqa' u għalhekk huma telqu 'l hemm. Sussegwentement iddeċidew li jwaqqfu ċ-ċekkijiet ħabba li ħassew li l-bilanċ ma' kienx dovut.

Agius esebixxa ukoll riċevuti tal-apparat/*appliances* mixtrija mill-intimati sabiex jattrezzaw il-ħanut b'mod li jkunu jistgħu jibdew joperaw minnu.[7]

7. In kontroeżami fis-seduta tat-28 ta' Frar 2022[8] l-intimat Agius qal illi huwa ra l-ħanut bħala opportunita' tajba minħabba l-*area* fejn kien jinsab. Ikkonferma illi l-intimati kien beħsiebhom jagħmlu *refurbishment* peress illi minn dak li kienu raw qabel ma' ħadu ċ-ċwievet kien jidher li ser ikun hemm bżonn tali *refurbishment* fil-kmamar tal-banju u fl-*area* fejn joqogħdu n-nies. **Ikkonferma ukoll illi l-partijiet ma' kienux ftehmu b'mod eżatt fuq kemm mill-prezz kien dovut għall-avvjament u kemm kien jirrappreżenta l-apparat.** Ftit wara qal pero illi filfatt, kif

[7] Fol 61-76
[8] Fol 105A-105J

qal fl-affidavit tiegħu, huma qablu illi l-ammont ta' €7,150 kien jirrappreżenta l-avvjament u l-bilanċ, ossia l-ammont taż-żewġ cekkijiet finali (i.e. €7,350, l-ammont mitlub fil-kawża) kien jirrappreżenta l-apparat. Stqarr illi qatt ma' sar xi elenku jew inventarju ta' dan l-apparat u li huwa qatt ma' kien bagħat lir-rikorrent ir-ritratti li juru l-apparat difettuż li allegatament kien ħalla warajh. Ikkonferma ukoll illi għall-ħabta ta' Diċembru huwa kien qal lir-rikorrent biex ma' jsarrafx iż-żewġ ċekkijiet finali sabiex joħorġulu wieħed ġdid mill-kont tan-negozju **u li fit-13 ta' Jannar 2020 huwa qallu biex imur jiġbor iċ-ċekkijiet mingħand l-intimat Guntrip.**

Spjega ukoll l-intimat Agius illi qabel ma' ltaqgħu mar-rikorrent f'Jannar 2020, fix-xhur ta' qabel huma ma' kienu qalulu xejn lir-rikorrent bl-apparat difettuż/bil-ħsara li kienu sabu u sadanittant dan l-apparat kien **issewwa.**

8. Permezz tal-affidavit ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2021 l-intimat **Patrick Guntrip**[9] ikkonferma ftit jew wisq dak li kien xehed l-intimat l-ieħor fl-affidavit tiegħu inkluż il-fatt illi l-partijiet kienu ftehmu fuq somma għall-avvjament u somma għall-apparat (tal-aħħar permezz tal-aħħar żewġ *post-dated cheques* ammontanti għal €7,350). Skond l-intimat, ir-rikorrent kien wegħdom illi l-apparat li kien ser iħallilhom kien jaħdem sew u li ma' kellhomx għalfejn jidħlu fi spejjeż oħra sabiex jirranġawh jew jixtru apparat ġdid. Inoltre esebixxa sensiela ta' ritratti li juru l-istat li kien fih il-post meta daħlu biex inaddfuh (Dok PG1 sa PG 11, a fol 79 sa 89). Xehed ukoll illi huma kellhom jibdlu u jixtru kollox mill-ġdid.

9. In kontroeżami fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2022 huwa ma' setax jiftakar fuq iċ-ċifri li kienu ftehmu fuqhom bħala prezz tal-avvjament u prezz tal-apparat. L-apparat kien jidher tajjeb minn barra iżda meta ġew biex jippruvawh sabu li ma' kienx. Lista tal-apparat ma' kienetx saret u huma ma' kienux ċċekkjawh sew minn qabel għaliex **kienu jħossuhom qed jinvadu l-privatezza tar-rikorrent jekk jidħlu ġewwa fil-kċina bla ma' jgħidulu**. Mistoqsi għalfejn minkejja l-esperjenza tiegħu ma' ħassx illi kellu jsir elenku tal-apparat u tal-istat li kien fih, huwa wieġeb illi kien qagħad fuq il-kelma tar-rikorrent u li kien fdah meta qallu li kollox kien jaħdem tajjeb.

10. Permezz tal-affidavit ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2021 **Michelle Agius**[10], li tiġi mart l-intimat Andrew A. Agius, spjegat illi meta daħlet fil-post f'Lulju 2019 hija kienet

[9] Fol 77 sa 89
[10] Fol 90 sa 96

baqgħet ixxukkjata bl-istat li kien fih. Hija tiddeskrivi l-ħanut bħala li kien *“unsafe, dirty and it smelled”.* Is-*switches* tad-dawl ma’ kienux jaħdmu u filfatt id-dawl kien konnettjat tramite *extension*. Kien hemm diversi *wires* mikxufa li kienu jagħtu għal dan l-*extension.* Qalet li r-riħa ta’ ħmieġ kienet ġejja mill-ikel li kien tħalla hemmhekk fil-*fridges* u l-*freezers*, fuq il-*counters*, fis-*sink* u anke mal-art. Il-*fridges* ma’ kienux qed jaħdmu kif suppost għaliex ma’ kellhomx *power* biżżejjed sabiex iżommu temperatura baxxa. Għamlet kważi ġurnata tipprova tnaddafhom mill-ħmieġ u f’dan ir-rigward esebiet ir-ritratti mmarkati MA1 sa MA4 (a fol 92 sa 95). L-ebda *toilet* ma’ kien fi stat li seta jintuża u wieħed minnhom kellu l-art miksija b’materjal iswed li ma’ seta jitlaq b’xejn (ritratt immarkat bħala Dok MA5 a fol 96). Wara ġimgħa sħiħa jippruvaw inaddfu filogħdu u filgħaxija ma’ kienux kuntenti bil-progress tagħhom u għalhekk iddeċidew li jqabbdu kumpanija li tipprovdi servizzi ta’ tindif.

Dakinhar stess indunaw ukoll illi l-*appliances* u l-apparat fil-kċina kienu difettużi. Xi ftit ma’ kienux qed jaħdmu kif supost u xi ftit ma’ kienu qed jaħdmu xejn. L-intimati kellhom ibiddlu ħafna mill-apparat inkluż il-*hot plate/grill*, *microwave* u *t-toaster*.

Ikkonfermat illi hija personalment semgħet lir-rikorrent, fit-telefonati li kien ikollu ma’ żewġha, iwegħdu illi l-apparat li kien ser iħalli warajh kien jiffunzjona. Finalment tagħlaq billi tgħid illi:

> “I am sure that the amount of work. and expenses which had to be put into the canteen to render it operable and fit for purpose was neither foreseen nor planned for by my husband and Patrick. The result of this was that my husband and Patrick had to close the canteen for an extra week than what was planned to make sure that the canteen is clean, safe and hygienic for both clients and employees. as well as to replace the old defective appliances and equipment with newly purchased items”

**Kunsiderazzjonijiet**

11. Id-difiża prinċipali tal-intimati hija l-*exceptio inadimpleti contractus* ibbażata fuq il-prinċipju illi *inadimplenti non est adimplendum* ossia illi peress illi r-rikorrent naqas milli jeżegwixxi l-obbligazzjonijiet tiegħu huwa m’għandux jistenna l-ħlas tal-bilanċ dovut lilu.

12. Fis-sentenza mirquma mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fl-ismijiet **<u>Isaac Aquilina v. Carmen Zammit</u>** (05/11/2020, Avv. 572/2018 KCX) ingħad is-segwenti fuq din l-eċċezzjoni:

« L-istess eccezzjoni hi bbazata fuq il-principju ekwitattiv ta' *"frustra sibi fidem serbare adeo quis postulat qui fidem a se præstatem servare recusat"* (vide d-decizjoni **Dr. Sir Ugo P. Mifsud noe v. Guido Abela noe** (Appell Kummercjali, 28 ta' Ottubru, 1935) u titnissel mill-principju generali ta' dritt "*inadimplenti non est adimplendum*", u permezz taghha l-kontraent li jigi azzjonat ghax-xoljiment tal-kuntratt jew ghall-ezekuzzjoni tieghu, ghandu jedd li, "*ope exceptionis*", jottjeni r-rikonoxximent "*ex tunc*" tad-dritt tieghu li jissospendi l-esekuzzjoni minn naha tieghu sakemm l-attur jibqa' hu wkoll inadempjenti, ossia li jitlob "*la eliminazjione dei vizi da parte dell'appaltatore o la riduzione del prezzo, e/o il risarcimento del danno*" (MAURO RUBINOSAMMARTANO, "Appalti di Opere e Contratti di Servizzi", CEDAM 2006, 2a edizione; §21.2, p. 485). B'hekk, f'kaz li l-eccezzjoni tinstab fondata, l-konvenut jirnexxielu jipparalizza l-azzjoni mressqa kontrih.

Tajjeb li jigi precizat li fis-sistema tal-ligi Maltija – tnehhi forsi l-Art. 1391 tal-Kodici Civili u l-ewwel zewg sub-incizi ta' l-Art. 1392 tal-istess Kodici, entrambi relattivi ghall-istitut li jittratta "Fuq il-Bejgh" – ma nsibu l-ebda disposizzjoni specifika koncernanti l-eccezzjoni ta' l-inadempjiment, kuntrarjament kif insibu fil-Kodici Civili Taljan, taht l-Art. 1460 tieghu. Ciononostante, hu pacifikament akkolt illi tali eccezzjoni "*tista' tigi sollevata b'mod generali relativament ghall-kuntratti sinallagmatici jew korrispettivi kollha, u mhux biss fejn il-ligi tipprovdi ghaliha specifikatament, u b'barra minn dan l-eccezzjoni tista' tigi sollevata anke indipendentement mid-dritt tar-rizoluzzjoni talkuntratt bis-sahha tal-patt kommissorju tacitu*" (**Carmelo Cremona ghal 'Muscat General Stores' v. Victor Angilieri**, Prim'Awla, 11 ta' Ottubru, 1966; mhux pubblikata). Din l-eccezzjoni hi ghalhekk mahsuba biex takkorda rimedju lil dak li jkun kontra r-riskju ta' l-inadempiment da parti ta' dak il-haddiehor li mieghu kien ikkuntratta. F'dan is-sens hi orjentata l-gurisprudenza domestika. Gwida apprezzevoli ghall-insenjamenti kontenuti fiha, hi s-sentenza in re **Emmanuele Aquilina v. Salvatore Aquilina et** (Appell Kummercjali, 12 ta' Marzu, 1965; mhux pubblikata). Fiha jinghad illi, "*din l-eccezzjoni hi poter moghti lil kontraenti li bih, fil-konkorrenza ta' certi cirkostanzi, hu jista' jastjeni ruhu milli jadempixxi lprestazzjoni tieghu. B'dik l-eccezzjoni hu jipparalizza l-azzjoni avversarja in kwantu li, minhabba fiha, l-attur li ma jkunx hu stess ezegwixxa l-obbligazzjoni tieghu, ma jkunx jista' jottjeni l-adempiment tal-kontroprestazzjoni u jkollu jissubixxi dik is-sitwazzjoni*...

... Biex eccezzjoni bhal din tkun tista' tigi akkolta, jehtieg li jirrikorru, skond il-gurisprudenza lokali u dik Taljana ... numru ta' kundizzjonijiet, u cioè:

a. l-ewwelnett jehtieg li si tratta ta' obbligazzjonijiet korrispettivi fiz-zewg kontraenti radikati fl-istess rapport sinnalagmatiku bejniethom, cioè li l-inadempjenza ta' l-attur li jagixxi ghall-ezekuzzjoni tkun tolqot xi obbligu tieghu li jkun parti integrali tal-ftehim
b. madanakollu – bhala parentezi ghall-ewwel punt appena maghmul – lanqas ma huwa eskluz li, f'cirkostanzi xierqa, zewg kuntratti (jew aktar) awtonomi bejn l-istess persuni jigu kunsidrati

unitarjament, specjalment meta il-kawzali jew finalità ekonomika taghhom tkun wahda, hekk kif tissenjala ggià citata decizjoni in re **Carmelo Cremona ghal 'Muscat General Stores' v. Victor Angilleri**

c. it-tieni kundizzjoni hija li l-inadempjenza allegata mill-konvenut trid tkun verament imputabbli lill-attur u mhux (lil hinn minn forza magguri u ragunijiet ohra estranei ghalih) provokata mill-inadempjenza tal-konvenut innifsu.
d. fl-ahhar, izda mhux lanqas, trid tirrikorri l-kondizzjoni tal-proporzjonalità jew adegwatezza bejn l-inadempjenza attribwita lill-attur u dik tal-konvenut, cioè li n-nuqqas ta' l-attur, relattivament ghall-prestazzjoni li hu jezigi minghand il-konvenut, ikun ta' certa gravità
e. inoltre, taht il-Kodici Civili Taljan il-gdid, il-htiega tal-presenza ta' listess estrem giet ribadita mill-Qorti Suprema Taljana fit-18 ta' April, 1952 (decizjoni nru. 1042) fejn gie asserit li, "*Quando l'inadempimento non è grave, l'eccezione di inadempienza non è di buona fede*" (cfr. "Foro Italiano: Massime" 1952; p. 262). Tali estrem tal-bona fidi hu espress fil-kapovers ta' l-Art. 1460 fuq indikat illi jaqra hekk: "*Tuttavia non può rifiutarsi l'esecuzione se, avuto riguardo alle circostanze, il rifiuto è contrario alla buona fede*." ...»

13. L-istess tlett rekwiżiti ġew meqjusa neċessarji f'diversi sentenzi oħra mogħtija mill-Qrati tagħhna fosthom fis-sentenza **Easysell Caterers (Gozo) Limited v. Benjamin Bonello et.** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 06/05/2010, Ċit. 27/2006 PC) u f'dik fl-ismijiet **Panta Marketing and Services Limited v. Joseph Brincat** (Qorti tal-Appell, 28/06/2011, App. Ċiv 35/2010 RCP).

14. Issa fil-każ odjern l-intimati qed jallegaw illi parti sew mill-obbligazzjonijiet kuntrattwali li daħal għalihom ir-rikorrent ma' ġewx sodisfatti minnu peress illi ħallilhom apparat difettuż. Inoltre fix-xhieda tiegħu wieħed mill-intimati jallega ukoll illi l-avvjament li akkwistaw ma' kienx wieħed tajjeb. Min-naħa tiegħu r-rikorrent jisħaq illi l-apparat ma' kien difettuż xejn u li fi kwalunkwe każ l-ammont totali li kienu ftehmu fuqu (€14,500) kien jirrappreżenta l-avvjament tal-post mentri l-apparat li kien parti żgħira (mhux kwantifikata) mill-prezz kien inbiegħ *tale quale*.

15. Mill-provi prodotti rriżulta ċar lill-Qorti illi l-ftehim bejn il-partijiet kien tat-trasferiment tal-*business concern* ossia' tal-azjenda kummerċjali li kien jiġġestixxi r-rikorrent fil-ħanut tiegħu. Dwar l-azjenda kummerċjali ingħad fil-ġurisprudenza illi din m'hijiex:

« il-lokal fejn hi s-sede taghha izda hija organizmu ekonomiku, "universitatis rerum facti", kumpless ta' hafna elementi flimkien, konsistenti fis-sede, fl-avvjament, l-isem tad-ditta, fil-

> klijentela, fil-fiducja li tgawdi mal-klijenti, fil-kreditu li ghandha fil-pjazza, fil-makkinarju, fl-ghodod, u l-merci li bihom tahdem, u f' dak kollu li huwa destinat ghall-ezercizzju tal-kummerc jew industrija li jifforma l-oggett u l-iskop taghha »[11]

16. Ir-rikorrent ċeda d-dritt tal-kirja tiegħu fis-sens illi bi ftehim mas-sid ma' ġeddidx il-kuntratt ta' kirja (li kellu jiskadi fl-aħħar ta' Awwissu 2019) u minflok ressaq lill-intimati bħala l-kerrejja l-ġodda tal-ħanut. Dawn imbagħad laħqu ftehim mas-sid għall-kirja ta' għaxar snin li kellha tibda fl-1 ta' Settembru 2019. Inoltre huwa ħalla l-makkinarju li kien jaħdem bih u għadda l-klijentela tiegħu lill-intimati oltre milli ħallilhom ukoll l-isem tal-ħanut u l-avvjament b'mod ġenerali tan-negozju li kien jiġġestixxi. M'huwiex il-każ li d-djun tan-negozju li seta' kellu r-rikorrent għaddew fuq l-intimati.

17. Biex l-intimati jirnexxielhom fl-eċċezzjoni mressqa minhom *inadimpleti contractus* iridu qabel xejn u ta' bilfors jippruvaw illi l-inadempjenza tar-rikorrent allegata minnhom tkun tolqot parti integrali mill-obbligazzjonijiet tiegħu. Huma jisħqu illi dan huwa l-każ billi skond huma l-apparat kien jirrappreżenta ċirka nofs il-prezz tas-somma totali. Filfatt iż-żewġ intimati jgħidu fl-*affidavits* tagħhom illi l-aħħar żewġ ċekkijiet li kienu jammontaw għal €7,350, kienu jirrappreżentaw il-prezz tal-apparat. Min-naħa l-oħra r-rikorrent u martu jisħqu illi l-ammont miftiehem ta' €14.500 kien jirrappreżenta n-negozju kollu bl-affarijiet kollha li kien hemm ġewwa l-ħanut, *tale quale*.

18. Rinfaċċjata b'dawn iż-żewġ versjonijiet totalment kontraposti għal xulxin, il-Qorti trid ta' bilfors tirrikorri għal indizji oħra, bħal pereżempju l-konsistenza fix-xhieda, il-verisomiljanza għar-realtà, indizzji korroborattivi minn terzi persuni u anki l-preponderanza tal-probabbiltajiet li jistgħu inisslu ċertezza morali fil-ġudikant. F'dan it-tip ta' inċidenti l-verita` għandha tkun riċerkata fil-valutazzjoni tal-isfond kollu taċ-ċirkostanzi anteċedenti u konkomitanti li mbagħad iservu għall-apprezzament ġust tax-xhiediet singoli.[12]

19. Il-Qorti m'hijiex konvinta u addirittura ma' tqisx l-asserzjoni tal-intimati bħala waħda kredibbli. L-intimati nfushom in kontroeżami kienu inqas enfatiċi fuq dan il-

---

[11] Ara **Joseph Caruana et. v. Bernardette Licari et.** (Qorti tal-Appell, 20/04/2005, App. 17/2000 PS)
[12] Dan il-bran li l-Qorti qed tagħmlu tagħha huwa meħud mis-sentenza fl-ismijiet **John Bonnici v. Richard Vella** (Prim' Awla, 04/07/2019, Rik 103/2011GM)

punt. Filfatt l-intimat Agius inizjalment *ex admissis* qal illi l-partijiet ma' kienux ftehmu b'mod eżatt fuq kemm mill-prezz kien dovut għall-avvjament u kemm kien jirrappreżenta l-apparat, għalkemm iżjed tard reġa rrepeta l-verżjoni li kien ta' fl-affidavit tiegħu. L-intimat l-ieħor Guntrip in kontroeżami ma' setax jiftakar fuq iċ-ċifri li kienu ftehmu fuqhom bħala prezz tal-avvjament u prezz tal-apparat.

20. Jeżistu raġunijiet oħra 'l għala l-Qorti ma' taqbilx mal-argument tal-intimati li l-apparat kien parti integrali (ossia ftit iżjed min-nofs) u speċifiku tal-prezz miftiehem. Li kieku dan kien il-każ l-intimati bħala persuni ta' ċertu esperjenza fin-negozju kienu ċertament jagħmlu elenku tal-apparat in kwistjoni bl-istat ta' kull wieħed mill-*appliances* li kienu qed jieħdu. Il-fatt li huma m'għamlux dan m'huwiex, kif qalu huma, sempliċiment għaliex afdaw lir-rikrorrent, iżda huwa iżjed konferma tal-fatt illi kif qal ir-rikorrenti, huma kienu qed jixtru n-negozju b'dak kollu li seta' kien hemm ġewwa l-ħanut.

21. Inoltre hija indikattiva r-riċevuta mhux kuntestata rilaxxata mir-rikorrent lill-intimati, esebita bħala Dok KS4 (a fol 27) fejn l-ammont ta' €14,500 ġie espressament indikat bħala *goodwill*.

22. F'dak li għandu x'jaqsam l-avvjament, għalkemm kien hemm insinwazzjoni mill-intimat Agius fl-affidavit tiegħu illi ma' sabux avvjament tajjeb ma' tressqet **<u>l-ebda</u>** prova dwar dan. Jirriżulta mill-messaġġi skambjati bejn Agius u Sciberras illi tal-aħħar kien għadda d-dettalji tal-klijentela tiegħu. Ma' rriżultax per eżempju illi meta fetħu l-ħanut l-intimati kienu skoprew li parti sew mill-klijentela mgħoddija lilhom kienet ineżistenti jew illi ftit li xejn kienu qed jiġu nies jieklu għandhom jew illi l-ħanut kellu filfatt isem ħażin jew reputazzjoni mtappna.

23. Anke li kieku *dato ma non concesso* ġie ppruvat illi l-partijiet ftehmu fuq prezz partikolari għall-apparat (rappreżentat mill-bilanċ mitlub mir-rikorrent), il-Qorti ma' tarax kif l-intimati b'xi mod irnexxielhom jippruvaw illi dan l-istess apparat kien difettuż. Filwaqt li m'huwiex kuntestat illi l-ħanut ingħata lilhom fi stat maħmuġ ħafna u li kien hemm bżonn ta' *refurbishment* (tal-aħħar, xi ħaġa li kienu jafu biha minn qabel l-intimati), ir-ritratti u r-riċevuti esebiti m'humiex prova tal-allegazzjoni li kważi l-apparat kollu mħolli lilhom ma' kienx tajjeb u kellu jinbidel. Jekk xejn, ir-ritratti juru *appliances* li kienu tqabru biż-żmien minħabba l-użu tagħhom, xi ħaġa li hija mistennija meta *si tratta* ta' oġġetti mixtrija *second hand.* F'dan ir-rigward intqal

mill-Qrati tagħna (fil-kuntest tal-garanzija kontra d-difetti moħbija, li xorta waħda pero' jsib applikazzjoni f'dan il-każ) illi:

> « F'kaz ta' oggett sekonda man, ma tezisti ebda garanzija ghal xi difetti li jkunu rizultat ta' wear and tear jew li jkunu konsegwenza tal-uzu tal-oggett. Huwa l-obbligu tax-xerrej li jezamina l-kundizzjoni tal-oggett li jixtri, u li jippruvaha biex jara li, fil-mument tal-vendita, l-oggett mixtri kien funzjonabbli. »[13]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Robert Lia v. Burmarrad Commercials Ltd** (Prim' Awla, 08/10/2004, Ċit 214/2000 GV) ingħad is-segwenti:

> « Hu car ukoll li fil-komprovendita tal-oggett sekonda mano, il-kwalita' pattwita necessarjament tippresupponi li l-oggett ma jkunx ta' kwalita' gdida, imma uzata u hu ovvju wkoll li fl-uzat jista' jkollok infinita' ta' gradwazzjoni fil-kwalita'.
>
> Jekk il-bejgh kien ta' oggett mhux gdid, imma sekonda man, fin-nuqqas ta' provi sufficjenti jekk l-oggett kienx tajjeb jew le fil-mument tal-konsenja, wiehed ghandu jimxi fuq dak li verosimilment fl-intenzjoni tal-partijiet fil-mument tal-ftehim;u hu ghalhekk gust u logiku li jinghad li, meta l-oggett gie kwalifikat bhala "tajjeb", dik il-kelmafl-intendiment tal-kontraenti, u skond il-logika guridika, kellha u ghandha tiftiehem fis-sens li l-oggett kellu jkun tajjeb "sa fejn jista' jkun tajjeb oggett sekonda man bil-prezz li nxtara.
>
> Jekk l-oggett juri li fih mankamenti li wiehed ghandu jistennihom f'oggett mixtri sekonda man, apparti milli kienu facilment konstatabbli b'ezami superficjali, u li bi spiza zghira jkun jista' jservighal zmien konsiderevoli, il-kelma "tajjeb" fic-cirkostanzi tal-kaz ma tfissirx aktar minn "ragjonevolment servibbli".
>
> Hu minnu li l-Kodici Civili ma jiddistingwix bejn jekk l-oggett mibjughhux wiehed gdid, sekonda mano, qadim jew xort'ohra. Ghall-ligi l-kundizzjoni tal-oggett invendita, mhux rilevanti, imma biss fis-sens li kull oggett mibjugh igor mieghu bhala kundizzjoni tal-kuntrattta' comprovendita l-garanzija tal-ligi kontra d-difett mohbi. L-istitut tal-Kodici Civili dwar dan,pero', ghandu jinqara u jigi interpretat b'mod logiku li jirrispekkja l-intenzjoni tal-legislatur licertament ma kellu l-ebda hsieb li jaghti lil min jixtri oggett mhux gdid l-istess garanzija li huintitolat ghaliha min jixtri oggett gdid. Ir-ratio legis hu, li jigi adegwatament protett il-kompratur kontra difetti mohbija fl-oggett li jkun xtara. Hu ovvju li jekk l-oggett ikun gdid il-venditur irid jiggarantixxi kontra kull

[13] **Joseph Pitre v. Anthony Muscat** (Prim' Awla, 02/06/2005, Ċit 779/1993 TM)

> difett mohbi, ghax hu car li l-kompratur tal-gdid ikun qed ihallas u ghandu dritt jezigi li dak li xtara ma jkunx affett minn ebda vizzju. Mill-banda l-ohra fil-bejgh ta'oggett sekonda mano, ikun ovvju wkoll li l-oggett tal-kuntratt mhux aktar wiehed gdid, imma wieheduzat. F'dan il-kaz il-garanzija tibda tapplika biss wara li jittiehed kont tal-kondizzjoni li l-oggett in vendita kien mistenni li jkun fiha bhala oggett uzat, tenut kont tal- 'wear and tear', zmien,uzu u cirkostanzi ohra li jkunu ikkondizzjonaw l-prezz miftiehem.
>
> Il-kompratur ghalhekk ma hux intitolat jinvoka l-eccezzjoni tad-difett mohbi jekk xtara oggett sekonda mano meta d-difett lijkun jilmenta minnu, hu rizultat dirett tal-uzu li sar mill-oggett minnu akkwistat, minn mindu kiengdid sakemm sar il-bejgh.
>
> Id-difett lamentat irid ikun wiehed ta'certa gravita', cjoe jehtiegli d-difett ikun ta' certa gravita' relattivament ghall-haga mibjugha u ghall-prezz imhallas ghaliha. »

Fis-sentenza fl-ismijiet: **Joseph Bonanno et. v. Raymond Dimech** (Qorti tal-Appell, 12/01/2005 PS, Ċit 1711/2002 PS) ingħad ukoll illi:

> « Fil-kaz ta' bejgh ta' vettura 'sekonda man' u l-adattabilita` u l-bonta` taghha ghandha jkollha korrispondenza ma' dak ragonevolment mistenni minn oggett mixtri second hand u bil-prezz li jkun inxtara.Wiehed logikament jistenna li f' oggett hekk mixtri dan ikollu, anke jekk mhux necessarjament u dejjem, certi mankamenti, pjuttost facilment konstatabbli b'ezami superficcjali »

24. Issa fil-każ odjern minbarra li ma' nġabitx prova konklussiva tal-allegat difetti li kellhom l-*appliances* in kwistjoni, ġie ppruvat illi l-intimati ma' spezzjonawx l-kundizzjoni tagħhom qabel ma' ġew mgħoddija lilhom. L-argument tagħhom illi huma fdaw lir-rikorrent għal darba oħra ma' jreġix kif lanqas ma' jreġu l-asserzjonijiet diversi tagħhom mogħtija in kontroeżami illi r-rikorrent ma' ħallihomx jispezzjonaw il-kċina jew li ħassewhom qed jinvadu l-privatezza tiegħu u kien għalhekk li ma' kienux daħlu fil-kċina sabiex jarawha minn qabel.

25. Inoltre l-Qorti kienet tistenna illi li kieku verament l-apparat kien daqstant difettuż (u li kieku kien jifforma xi ħaġa daqstant integrali mill-ftehim), l-intimati kienu jqajjmu dan il-punt fil-bidu nett meta daħlu fil-fond u mhux xhur wara meta ġew biex iħallsu l-bilanċ. Minn imkien ma' jidher fil-korrispondenza ta' bejniethom illi kien hemm xi lmenti dwar l-apparat (għajr għall-problema fil-grilja li nqalgħet f'Awwissu 2019) u anzi mill-messaġġi ta' bejniethom ħareġ illi sal-aħħar mument l-intimat Agius kien qed jgħid lir-rikorrent sabiex jgħaddi jiġbor il-bilanċ minn post partikolari.

26. Dan kollu naturalment qed jingħad mingħajr preġudizzju għas-sejbien minn din il-Qorti tal-fatt illi effettivament l-ftehim kien dwar it-trasferiment tal-azjenda kummerċjali fit-totalita’ tagħha (inkluż allura tal-*appliances* in kwistjoni) u illi ma’ kienx hemm ftehim dwar it-trasferiment tal-avvjament bi prezz għalih u ftehim separat dwar il-bejgħ tal-oġġetti bi prezz għalihom.

27. Għalhekk ċertament m’huwiex il-każ li kien hemm xi nuqqas tar-rikorrent fl-adempiment tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali tiegħu. Fl-agħar ipotesi, jekk kien hemm xi nuqqas tar-rikorrent illi ħalla l-ħanut fi stat żdingat u maħmuġ dan żgur kien *de minimis* iżjed u iżjed meta wieħed iqis illi r-rikorrent ħareġ mill-post diversi ġimgħat qabel ma’ kien oriġinalment miftiehem (u allura l-intimati kellhom iżjed ċans jagħmlu l-affarjiet li xtaqu jagħmlu fil-post) u meta tqis illi l-intimati kienu minn qabel deċiżi li jagħmlu *refurbishment* tal-ħanut.

**Deċiżjoni**

28. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa’ t-talba tar-rikorrent, tiddikjara illi l-intimati huma debituri tar-rikorrent fis-somma ta’ sebat elef tlett mija u ħamsin euro (€7,350) rappreżentanti bilanċ tal-prezz tal-avvjament u apparat mibjugħ u ttrasferit lilhom kif miftiehem u tikkundannahom jħallsuh dan l-ammont bl-imgħax dekoribbli mill-1 ta’ Jannar 2020 sad-data tal-effettiv pagament bir-rata ta’ 8% fis-sena, oltre l-ispejjeż kif mitluba.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur